

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni "ROAD EFFICIENCY" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 814 536

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Ottubru 2018 fil-Każ R 2701/2017-5

### **Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti matul il-proċedimenti tal-appell.

### **Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## **Rikors ippreżentat fis-26 ta' Diċembru 2018 – C&A vs EUIPO (#BESTDEAL)**

**(Kawża T-753/18)**

(2019/C 65/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### **Partijiet**

*Rikorreni:* C&A AG (Zug, l-Isvizzera) (rappreżentant: P. Koch Moreno, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni #BESTDEAL bil-kulur abjad – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 681 826

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Ottubru 2018 fil-Każ R 1234/2018-2

### **Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara l-motivi tar-rikors fondati u tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż fil-każ li jidher f'din il-proċedura.

### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
  - Ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u ta' ugwaljanza fit-trattament.
-